# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta ħamis, barra minn ħamis ix-Xirca u Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaûdex jisûielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisûielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu għall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel tagħlaklu is-sena, jirtabat għal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeûûak b'cull xorta ta daûl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta mogħdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*
Proprietarju: il *Cumitat tal Għakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall gid tal Maltin.
Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)
Amministratur: is-Sur Dûardu Galea(str.Cristoforu,numru 174).
Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EÛÛEL SENA. | IL ĦAMIS, 18 TA LULJU, 1912. | NRU. 23.

*Inbiercu b' kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaûħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, għax nistenneû minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## AKRAÛ!

L'Imsieħbin tal *Unjoni Cattolica San Giusepp*, nhar il ħadd li ġejj, 21 ta lulju, jagħmlu divertita SELMUN. Jitilku bil vapur *Gleneagles*, fis-sitta u nofs ta fil għodu, mil Port-il-cbir; u jaslu il-*Mistra*, fil port ta *San-Paûl-il-baħar*, fis-sebgħa u nofs. Il ġurnata igħadduha il *Palazz ta Selmun* (li giè mogħti għal dac in-nhar): u icun hemm *divertimenti* u *cuncerti*.

Fil Palazz ta Selmun, isibu *Risturant* tajjeb bi prezzijet xierka: imma daûc li iridu jieħdu sehem fil Pranzu jaħtieġ jatu isimhom sa għada (il gimgħa).

Fis-sebgħa ta fil-għaxija jitilku l'ura mil *Mistra*: u fuk il vapur, il-hinn u il-haûn, icun hemm Orchestra u Butteghin.

Prima Classi, tmur u tigi, *żeûġ xelini.*
Terza Classi, tmur u tigi, *xelin.*
It-tfal ta taħt it-tnax il sena, *in-nofs.*

Il biljetti jinbiegħu: il Palazz Caraffa u għand is-Sur De Brincat, haûn il-Belt, strada San Dumincu, numru 157.

## Il Cungress Eûcaristicu

Minn ftit il-haûn ma nisimgħux ħlief min jitchellem fuk il Cungress Eûcaristicu u f'daûn l'aħħar ġranet iżjed u iżjed, għaliex qûasi il ġurnali collha kalu xi ħaġa. Għaliex dan collu cullħadd sgur jaf, mita nistenneû bi ħrara cbira din ix-xorti is-sena li ġejja f'dina il Gżira: iżda ftit jafu chemm hi ħaġa cbira u sabiħa dan il Cungress, għaliex ftit jafu x'jigifieri. Ngħidu żeûġ chelmiet chemm chemm jinħtieġ fuk il Cungress Eûcaristicu.

L'eûûelnett *Cungress* ifisser gemgħa jeû lakgħa ta nies flimchien biex jagħmlu xi ħaġa; *Eûcaristicu* ifisser Gesù realment presenti taħt ix-xbiha tal ħobż u tal inbid. Mela, *Cungress Eûcaristicu* jigifieri lakgħa tal insara biex jatu gieħ lill Gesù Sagramentat.

Dina il lakgħa tal insara ma 'ssirx le minn banda ûaħda, iżda minn cull-imchien, u għalhecc icun mistieden cullħadd u fuk collox l'Iskfijet, il Cleru u in-nies ta xi aûtorità fost l'insara, chif ucoll is-societajjet tant civili chemm religjusi. Il gieħ, imbagħd, jintagħta lill Gesù Sagramentat mhux biss bil festi fil Cnisja u barra, bħalma aħna soltu naraû fil Kuddies cantat, fil Benedizzjonijet u fil Processjonijet bis-Santissimu; iżda b'ħafna ħûejjeġ oħra li jifhmu tasseû il gieħ ta Gesù Sagramentat, għaliex icattru il Fidi, isaħħuha u itaffu l'uffiżi li Gesù jircievi minn tant insara ħżiena fis-Sagrament tal imħabba. Hecc, biex ngħidu xi ħaġa, daûc il lakgħat isiru taħt id-direzzjoni tal Cardinal mibgħut mil Papa jeû tal Iskfijet magħżulha minnu fil Cnejjes, jeû f'xi loc ieħor cbir, fejn isiru discorsi fuk ħûejjeġ li imissu l'Eûcaristija taħt cull leûn u f'cull żmien, jeû inchella jittieħdu risoluzzjonijet fuk dac li hemm bżonn isir, jeû hemm bżonn jitneħħa fost l'insara, biex il Fidi u l'imħabba fl'Eûcaristija tarġa titnissel jeû titħaġġeġ iżjed, għaliex ftit jeû ûisk birdet. U biex daûn id-discorsi u risoluzzjonijet fuk l'Eûcaristija cullħadd jista jipprofitta minnhom, huma isiru iżjed minn banda ûaħda u iżjed minn b'lingûa ûaħda; haûn, actarx isiru fil Cnejjes principali u bil Malti, bit-Taljan, bl'Ingliż u bil Franciż.

Min ma jarax chemm huma daûn lakgħat sbieħ u impurtanti? Kisu mita il Papa jiltaka mal Cardinali u l'Iskfijet għal xi Concilju, jeû inchella mita l'Iskof jiltaka mas-Superjuri tal Cleru seculari u regulari tad-Djocesi tiegħu għal xi Sinodu: biss fil Cungress ebda *dutrina* ma tista tigi stabbilita, imma imfissra aħjar u seûûa għall għajnuna tal insara dic li hemm.

Fil Cungress ta Londra chien hemm ħames Cardinali, ma tmenin Iskof u ħafna Abbati, Superjuri tal Ordnijet Religiusi u Prelati, barra minn bosta Sacerdoti stranjeri u numru bla tarf ta Cungressisti, jigifieri ta 'nsara li ħâdu sehem fil Cungress, anche biex jaraû u jisimgħu biss. X'icun għall Malta, chemm il darba daks-tant, u anche ftit inkas, jiġu għall Cungress tagħna? Nisperaû f'Alla li l'Eûcaristija Mkaddsa ma tcunx fostna igglorificata inkas minn bnadi oħra, għaliex bħal bnadi oħra u iżjed dejjem għamilna għall gieħ u il kima taħħa.

M. P. G.

## IS-SEMINARJU

Il festa tal premji, li saret is-Seminarju, fis-6 ta dan ix-xahar, uriet darb' oħra, għad li ma chienx hemm bżonn, li dan li Stitut hu fost l'akûa, biex ma ngħidux l'eûûel ûieħed, ta Malta: u ir-ragjuni ta dan, chif jidhrilna aħna, hi li fis-Seminarju ir-Rettur u il Professuri igħallmu biex igħallmu, mingħajr ebda xchiel tal pulitica. Iżda jaħtieġ inżidu ucoll li, mindu sar Rettur tiegħu Monsinjur Dun Anton Vella, ragel li mal għerf u mal ħrara jaf igħakkad il cmand u il chelma it-tajjba, li bihom isaħħar il cull-ħadd u minn cull-ħadd — Professuri u Studenti — jieħu li irid, is-Seminarju kabeż il kuddiem kabża cbira, seûûa f'li studji u seûûa fid-dixxiplina.

Il festa tal premjazzjoni chellha bi President taħħa li stess Monsinjur Arci-Iskof, li chien imdaûûar bil Professuri, bl'Eżaminaturi u b'gemgħa cbira ta Sinjuri, irgiel u nisa, fil ûakt li il bitħa tant cbira tas-Seminarju, imżejjna bil bandieri ta cull nazzjon u bir-ritratt tal Papa fin-nofs, chienet mimlija bħal bajda bil kraba tas-Seminaristi. Il mużica, imbagħd, cant u orchestra tajjba, taħt it-trigija ta Patri Scio, li, bħalma jaf jippriedca u jaf tant xienzi u letteraturi, jaf ucoll jicteb il poeżija u jimmużicaha, il mużica compliet għakkdet il festa.

Ma nokogħdux insemmu ûieħed-ûieħed is-Seminaristi collha li ħâdu il premji u li irrecitaû djalogħi u poeżiji, imma ngħidu li taû xhiediet ċari u cbar ta chemm huma il-kuddiem daûc li Schejjel, mhux biss fil latin, fit-taljan u fl'ingliż, imma ucoll fl'*algebra*, fil *geometrija* u f'cull tagħlim ieħor li jaħtieġ is-Sacerdot, biex icun chif jitolbuħ iż-żmienijet tagħna. B'isimhom insemmu daûc biss li, fost tant premji oħra, ħâdu il premji tal classijet: Emilju Camilleri, tal eûûel classi (jigifieri iż-żgħira nett); Censu Carbone, tat-tieni; Giuseppi Demarco, tat-tielet; Carmelu Diacono, tar-raba; Giu-

seppi Grech, tal Letteratura; id-Diaconu Dun Ġlormu Seychel, tat-Teologija. Nerġghu insemmu il Giuseppi Demarco li ghadda il cull-ħadd bil ponti u ħa il premju ta sena b'xejn is-Seminarju (tmintax il lira); u fuk collox nixtieku nifirħu lill familja ta dac it-tfajjel daks nitfa, Emilju Camilleri, li fl'Indirizz u fid-Djalogu (li studja f'jumejn f'loc ieħor li marad) ghaġġeb il cull-ħadd bil ħeġġa u il ħila tieghu.

Jiddispjacina li ma ghandniex ŭisa iżjed biex nitchellmu chif jixrak u chif nixtieku fuk din il festa: imma il *Prolużjoni*, jigifieri id-*Discors ta kabel*, li ghamel bit-Taljan ir-Reverendu Dun Manŭel Żammit, D.D., Precettur tal *Algebra*, jaħtieġ ma 'nħalluhx barra, ghax fiħ ŭira b'ħila cbira li hu ŭaħda mill'isbaħ ġaŭhriet tal Cleru ta Malta. Dun Manŭel Żammit, mis-Siggieŭi,ghadu żaghzuħ ferm u tghallem is-Seminarju, fejn min kieghed jicteb chellu l'onur icun Eżaminatur tieghu: u, f'kasir żmien, ŭara li, flimchien ma dic il ġaŭhra l'oħra, li hu ir-Reverendu Dun Giusepp Darmanin, D.D., semma l'isem tas-Seminarju bħala Student mil gŭappi,laħak Surmast mit-tajjbin, ghall gherf u ghall ħabta. Niżżuħ-ħajr, fl'isem taghna u ta cull-min semghu, ghat-Taħdita sabiħa u tal fejda li ghamlilna: u minn ġdid nifirħu lill Monsinjur Canonicu Vella, li gharaf ikassam u imexxi din il festa tal moħħ u tal kalb, tar-Religjon u tal Patrja, tas-Seminaristi u ta li Mghallmin taħħom, b'dehen cbir u b'ħeġġa ŭisk acbar.

# MILL'AMERICA

Boston Mass U. S. A.
92 Cottage Street (east)
30 ta' ġunju 1912.

Ghażiż Ġużè,

Illum il Ħadd, u ŭara ġimgha xoghol ta' chelb li fiha ctibt xi 25,000 chelma ghal "*Boston Herald*" fuk is-saŭma tieghi u articolu tŭil ieħor ghal Enciclopedia ta't-Tobba fuk l'istess ħaġa, kghadt nistriħ ftit nifli il "*Habib*" tieghec li ilkajt b'ferħa cbira. Cont ili tliet xhur ma nakra bil Malti, ghad li minn xahar l'haŭn nitchellmu cull jum ma's-Sur Fred Grixti, li kieghed f'daru u li mieghu, biex inpattu il boghod cbir li jifridna mil ghażiża gżira taghna (5,000 mil), niecol ir-ravjul u il kassatat li jaf jaghmlilna tant tajjeb il côc malti Bertu Carabott. Barra minn daŭn haŭn tliet Maltin oħra f'Boston: Paŭlu Agius, *tal forn*, li chien pulizjott, Ġanni Cauchi mil Imdina u Ġużè Micallef, collha jaħdmu bil ghakal u jakilghuha m'hux ħażin. Collha lakghuni u ferħu bija ŭisk. Il "Habib" ghoġobni ħafna u fraħt meta rajt li inti bkajt tcompli tghallem il poplu b'gazzetta ghaklija, meta jiena biex sefirt, chelli nżomm in-"Naħla" tieghi. Krajt bosta ħŭejjeġ sbieħ f'il gazzetta tieghec, iżda l'actar ħaġa li laktitni hi dic il poeżija FAMUSA ta' ħabibi Dun Carm Psaila "It-Tbaħħir", li jecc ma hix l-akŭa poeżija li ghadha katt inchitbet b'il malti ma nafx ŭara liema tigi. Li Dun Carm jaf jicteb ta's-seŭ poeżiji sbiħ b'it-taljan ili nafu ħafna iżda li jaf jicteb hecc tajjeb b'il malti ma cont nobsru katt. L-eŭŭel darba li tiltaka mieghu ghażżażlu idejh it-tnejn f'lochi u ifraħ mieghi li l-ilsien maħbub taghna żied poeta CBIR ieħor. Ma dakklix dac li chiteb C.M.D. fuk ix-xorb. Jħalli il Mantegazza fi 'l genb ghax il-lum kdiem it-taghlim tieghu u jakra l-opri ta Carrington, Thrall u fost collox dic ta'l Prof: Gane Benedict, biex jitghallem li ix-xorb imkar b'il ftit hu ta ħsara cbira ghas-saħħa. Il flus ta'l inbid jistghu jintefku f'xi ħaġa aħjar u actar ta' fejda ghar-ruħ u ghal gisem.

Krajt ucoll f'il *Habib* bosta articoli fuk l-*Emigrazjòni*. Ġuż, ŭiddeb lill poplu li jkisha mitt darba kabel jaktaghha darba. La ixxeŭŭxux il Maltin biex jitilku pajjishom ghaliex naħseb li kieghdin m'it-tagen titfghuhom f'il ġamar. Hecc giegh-luni naħseb il ftit xhur li ili haŭn u hecc jithmuha xi ħamsin ruħ oħra m'il aħjar li tchellimt maghhom fuk hecc f'Boston. Ilbieraħ l'Avucat Bonmarito, li ilu haŭn 25 sena, kalli: «*Chi raccomanda agl'italiani di lasciare il loro paese per venire in America commette un assassinio!*» U dana naħseb li jdokk ghalina ucoll. Ma ltkajtx ma ŭieħed ghadni li hu cuntent, li ma jisħetx il jum li giè l-haŭn, saħansitra daŭc li faddlu xi sold u li huma ftit ŭisk. Il clima hu icreħ ŭisk. F'is-sajf jmutu in-nies fit-torok b'is-sħana bħalma ġara da'l ġranet u f'ix-xitŭa jmutu b'il chesħa li tinżel sa 17 il grad taħt iz-zero! Mard ta's-sider haŭn addoċċ u actar haŭn sptarijet milli haŭn cnejjes, u spiżżeriji minn ħŭienet ta'x-xorb.

Meta ncunu Malta nimleŭ rasna b'il kliegh ta'l America. Iva, kliegh haŭn ħafna, iżda biex tghix trid tonfku. Id-dollaru fl-America jservic daks xelin f'Malta jeŭ inkas u ghalhecc min kieghed jakla tliet dollari haŭn cull jum ijghix daks li chiecu chien kieghed jakla tmintax irbighi f'Malta. Jecc ticri tliet cmamar ghal familja li f'Malta trid sitt liri jeŭ tmienja f'sena ghalihom,haŭn trid ħamsin u f'post imŭarrab. Biex tibblacca żarbun, tliet carnijet; aringa żeŭġ soldi, bajda sold u nofs, taghmel il-leħja xelin, il-laħam tliet xelini u nofs ir-ratal, it-tram (imkar minn cantuniera ghal oħra), tliet car nijet u x'naf jen. U haŭn trid tilbes tajjeb u iżżomm ruħec nadif ghaliex inchella cullħadd iŭarrbec, u biex taħsel ħŭejjgec trid renta, kmis biss *six pence* u jgharrkuhielec f'kasir żmien. Min ghandu il mara u żeŭġ titfal jrid ijghix bil kies fuk ħames liri f'il gimgha! Jecc hu żaghżugh jakbillu u jista jfaddal! Biss haŭn ma haŭn l-ebda ŭisa ghaż-żghażagh puliti taghna. Haŭn xebbiet li jghadduna suttagamba gozz gozz u jaħdmu b'irħis. Biex tkabbad difrejc jrid ijcolloc ħila cbira, saħħa ta' fart gismec u ħila ta' ljun ruħec. It-takbida tal ħajja hi ħarxa ta's-seŭ! Trid taħdem id-doppju milli taħdem f'Malta u trid tcun taf taħdem ghax collox ġdid ghalina! Biex tidra imbaghad taghmilha ma'l Americani tbati ŭisk. Ma jakblu xejn maghna, u ma jriduniex f'pajjishom. Il pastażati, il guffaġni, il ħruxija, il kerk, il ħiena ta'l cotra fosthom huma ħŭejjeġ li jibaghtuc cull jum id-dar b'id-dmugh f'ghajnejc. Ma jemmnu b'xejn ħlief b'il *flus biss*. Jecc ma ghandecx flus mirfus dejjem, ghal flus, nisa u rgiel, jaghmlu collox. Ftit huma daŭc li jħarsu lejn il ħila, u il ħila ta'l barrani ghalihom hi ċanfira kalila u joboghduc ghaliha. Trid tfaħħarhom cull mument b'iċ-censier f'idec, trid collox tgheidlu *great! wonderful*! imkar jcun jidaħħak, trid tħallihom jirfsuc, ijżebilħuc, *jibulliaŭc* ("to bully you"), trid tmakdar pajjisec, tiċħad demmec, tibdel cunjomoc biex tinħabb maghhom. Jersku lejc u jmellsuc meta jistghu jerdghu xi ħaġa minnec li tkallaghhom il flus, malli jerdghuc jarmuc bħal lumija maghsura. Collox *affarismu* biss! Aħna biex inghixu hecc inbatu bla tarf, u nonfru u nisħtu il jum li gejna fosthom! Siġġu fi cnisja *seba soldi u nofs*! u xi seba soldi u nofs oħra ġbir! Sa toħroġhom tchemmex xuftejc meta tiftacar f'it-tliet ħabbiet ta' Malta! Jecc ma tafx tajjeb bl-ingliż, allavolja tcun taf b'ghaxar lingŭi oħra, ma jistmaŭcx u jiddieħku bic ghal cull żball li taghmel. Trid tilbes bħalhom jeŭ jidħku bic. Jecc toħroġ b'tomna f'it-triek jistaghġbu bic. Jecc ma tkaxxarx il-leħja* donnoc mara jghidu li int lhudi u jinbxuc. Iċ-civiltà ta' Boston, li hi il moħħ ta'l America, ghadni ma sibtx tejn hi. Chiecu tara chif jinbuttaŭ l'in-nisa m'it-tram biex jidħlu f'lochom u chif jaħbtu maghhom f'it-torok goff bla ma jghidulhom biss *scużi*, titchexchex. Jecc f'ħanut tghid «bon-ġornu, jeŭ grazzi» jberrku ghajnejhom lejc. Fi ftit cliem min ghandu jiġri f'il vini tieghu demm latin ijbati bla tarf u jċarċar ħafna dmugħ ta demm. Li jakla jeclu u irid ighix dejjem mirfus u mżeblaħ, fi clima li fih tilghab ħajjtec cull mument, x'gid hemm li ŭieħed jigi haŭn ħlief biex jitghallem ghadni ma rajtx u l'actar ghal min hu pulit u ta li scola. In-nisa jakblilhom aħjar ghaliex jakilghu actar m'il irgiel. Seftura takla actar u hi actar stmata minn spiżżjar. Ħajjâta tajjba takla daks l-akŭa avucat. Min ghandu ħafna xebbiet u igibhom haŭn jaklaghha tajjeb ferm. Jecc jiġu xi ftit jaħdmu il bizzilla ta Malta jistaghneŭ f'kasir żmien ghaliex imfittxa u mħallsa ŭisk. Mela ghall *pulit* u ghal *ta'l iscola* XEJN; ghal ħaddiem ftit ghaliex it-taljani li haŭn bħa' x-xita (xi mitt elf f'Boston biss!) gharrku collox u jaħdmu b'cull prezz u jghixu bħal annimali ghaxra, ħmistax f'camra ŭaħda fi ħmieġ li jchexchex. Min ghandu xi ħila *cbira* jista jittanta u jitma li b'ħafna dakkiet fuk ħalku u dmugh ta demm jiftaħ fl-aħħar triek sabiħa u jakla il flus. Gha'n-nisa haŭn il fortuna jecc bieżlin u b'il ghakal. F'chelma ŭaħda: trid tkis mitt darba kabel taktaghha darba. Il kuddiem nictiblec actar f'it-tul u ncun naf xi ħaġa aħjar ucoll.

Jien ninsab kaŭŭi u sħiħ u m'hux biss tallajt il pis li chelli kabel bdejt is-saŭma iżda żidt tliet libbri oħra mieghu. Pitghada sejjer naghmel conferenza bl-*esperanto* fuk Malta u l lsien malti fil Copley Hall fejn ġa ghamilt tnejn oħra, bl-*esperanto* ucoll, fuk is-saŭma tieghi u fuk il Lingŭa Universali li fiha ġbidt f'it-tul fuk l-istorja u il bosta sistemi li ħarġu. Malta ma haŭn ħadd tista tghid li jaf biss fejn tigi, u bosta jaħsbuna suŭed u b'is-sarŭan! Isimna biss jafu ghax ghandhom il *maltese cat* li ghadni ma nistax nifhem ghala semmeŭh hecc. Nhar il Ħadd naghmel conferenza b'it-taljan fuk is-saŭma f'iċ-Civic Hall, u il Ħamis ta' ŭara, oħra bl-esperanto f'il Congress. Ŭara nitlak ghal Cicago, fejn ninsab mistieden m'il famus Bernau Macfodden biex inkatta xahrejn mieghu f'il Healthatorium li ghandu u li hu ŭieħed m'il acbar sanatorji ta'd-dinja. Hemm nara xi elf ruħ li kieghdin jiccuraŭ ruħhom b'is-saŭm u b'hecc nitghallem xi ħaġa aħjar. Macfadden ghandu jchissirni ghall conferenzi billi hu jaghmel sicŭit, u kieghed nieħu cors taghhom ghand Kleiser Grenville, Professur ta'l Eloquenza f'il Yale University. Conferenzi bl' ingliż ma nistax naghmel kabel Ottubru ghaliex l-aħjar nies kieghdin villeġġjatura. Ingharrfec aħjar. Selli ghall ħbieb collha u ghoddni dejjem bħala ħabibec ta'l kalb.

LEVANZIN.

Mil LUCERNA TAL ĦAJJA:—15. L'akŭa tħabric tax-xitan hu li igherrex in-nies mit-taghlim nisrani u mis-smiħ tal priedchi.

# SIDTNA MARIJA TAL CARMNU

......... in te s'aduna
Quantunque in creatura è di bontate.
DANTE.

Fuk ghôlja nadifa, xemxija,
li tilħak mal ichal tas-sħab,
kalb ġonna bid-dŭieli micsija,
il ŬARDA TAL HENA tinsab,
b'cull żîna mimlija,
Marija.

Li chelli mil ħrara t'Elija,
li chelli l'imħabba ta Xmun,
cont nifhem, hecc ruħi moghnija,
is-setgha ta drieghec xi tcun,
o Xemx tal kdusija,
Marija !

Cont nithem chif, ħielsa mil ħtija,
katt Lilec ma tiesef id-dnub ;
chif sħiħa żammejt ix-xbubija
u tnissel Fic Iben maħbub,
o Ġmiel tal Lhudija,
Marija !

Chif kabel l'imħabbra tislija
li gieblec mis-Sema Grabèl,
chien ilu ġà snin disa' mija
li lemħec ix-Xiħ tal *Korm-El*, (*)
o Tâma moghtija,
Marija !

Chif Alla, Mulej tal Cburija,
li 'd-dinja ma tesghu u imchien,
minn fommoc ried jisma *Icun fija*
u f'ġufec inghalak ghaż-żmien,
o Gieħ tal mifdija,
Marija !

Chif nithem ! Chif nifhem ! Mitfija,
bħal xemgha milkuta b'riħ cbir,
inħossha kuddiemec id-dija
li ruħi taf trodd ghat-tifhir,
o Ghajn tas-sbuħija,
Marija !

Mid-dalma tal lieli ŭaħxija
arfaghni bil ġŭienaħ tal ħsieb,
biex nithem chif rac Isaija,
chif xandrec Elija lir-Rhieb,
o Cheŭcba bicrija,
Marija!

U, hemm, fuk il ghôlja chennija,
tallaghni, ŭassalni sa ħdejc,
biex nara bħal xita kaŭŭija
il grazzi jissaŭŭbu mn'idejc,
o Sħaba mghobbija,
Marija !

Fis-16 ta lulju, 1912. G. MUSCAT-AZZOPARDI.

## Biedja.

*Dac li jidher u isir fix-xahar ta*
LULJU

Iraħħsu,—il larinġ, is-sebuka, ir-rand, iż-żebbuġ, in-naghnigha, il ħarrub.

Jiżhar—il kamħ-ir-rum, il ġolġlien, il koton.

Isajjar,—il berkuk, il bittieħ, il langas, it-toffiħ ta Billudja, il ghambakar, il brungiel, il basal, il bajtar tal Indja, il prajn, il bżar aħdar, iċ-ciprisc, it-torsin, it-tin tal bajtar, l'insolja.

Jinza,—il leŭż.

*Xoghol tal Bdieŭa*:

Fir-raba baghli
Tinġabar,—il ħleŭŭa,
Tinkala,—il pitravi,
Jindakk,—il ghosfor
Jindires,—il kamħ
Tinħarak,—il ħaxixa tar-rmied,
Tinżara,—il ŭidna u is-silla.

Fir-raba sakŭi u fil ġonna:
Tinżara,—il gidra, il cabocci, il pastard.
Jinġama,—il leŭz
Jinkatghu,—ix-xeħdiet tan-naħal.

— PROVERBJI:—

Ħrit il ħmar ma jatix sandar,
Bi ħrit il bakar timla l'andar.
L'art tati chemm taghmel maħħa,
Gid, hena u fuk collox is-saħħa.

### IL GID BIS-SIĠAR.

Ta chemm gid cbir huma is-siġar cull-ħadd jafu. Daŭn huma li jirregolaŭ il cors ta li stagjuni, li igibu is-sħab, u l'abbundanza tax-xita.

Il famus gharef Mirbel ighid, ŭara li ghamel tant osservazzjonijet, illi siġar bosta imħaŭŭlin f'naħa ŭaħda ghandham il forza li jiġbdu lejhom is-sħab u jaghmlu li ix-xita tinżel bir-regula u bil kies, u b'dellhom iżommu l'art actar frisca.

Il ŭerak taħħom, imbaghad, mita jaka fl' art jaghmilha ŭisk tajjba u ghammiela.—Il Gżejjer imsejjħin tal Ghid u ta Lapsi, u l'Egittu, li ma jinsabux hecc scarsi mill'ilma bħal dari, huma prova biż-żejjed ta dan collu li fuk semmejna. Il La Perus ighid li sab il gżira tal Ghid, li issa semmejna, bħal xaghra minghajr ebda frott, u dan ghaliex l'abitanti ta dic il gżira żmien kabel kalghu minnha is-siġar collha.

Daŭc l'Ingliżi li marru jaccompanjaŭ il Bonaparti, meta chien meħud eżiljat fil gżira ta *Santa Liena*, ighidu li sabu il gżira l'oħra ta Lapsi, li fiha chienu niżlu biex jaraŭha, niexfa bħal xaghra u minghajr ebda ghajn ta ilma; meta reġghu marru fiha u ħaŭŭlu is-siġar, ftit żmien ghadda li ma chellhomx il pjacir u il hena li jaraŭ tinżel fiha ix-xita bl'abbundanza.

Fl'Egittu chemm chemm chienu jafu bix-xita kabel ma ħaŭŭel hemm Mehmet Alì numru cbir ta siġar; fejn illum il ġurnata kieghda tinżel xita l'actar abbundanti.

Ħafna bdieŭa imdaħħlin fiż-żmien ighidu li haŭn Malta, meta chellna tant siġar imħaŭŭlin, bħalma chienet il Marsa tal Pŭales, il ghôlja tas-Sakkajja u l'Imtaħleb, u lochijet oħra, li fihom cont tara eluf ta siġar tat-tut, ix-xita ħil gżira taghna chienet bil bosta actar abbundanti.

W.

## Ma dûar il Gżira.

—Niżżu-ħajr b'kalbna collha lill Cumitat tal Filarmonica Nazzjonali *La Vallette*, li mhux biss ghoġbu jistieden id-*Direttur tal Habib* ghall Cuncert Generali tal Innu tal *Madonna tal Carmnu*, mictub mis-Sur Mast Vitaliti fuk poeżija tal Patri-Majjistru Professur Cuschieri, imma ried ucoll jonuraħ billi kieghdu fil palc tan-nofs, mal Commendatur Howard, President tal Filarmonica, u mal Curunell Manchè, M.D., President-Onurarju taħħa.

—Dan l'Innu li semmejna issa irnexxa tas-seŭ ħaġa sabiħa, seŭŭa bħala *composizzjoni mużicali* u seŭŭa bħala *tkieghid ghall banda*. Ghall poeżija hu biż-żejjed mita nghidu li hi tal Professur Cuschieri: isem li ifisser gherf, ħleŭŭa u tieba. Imma ghall mużica jaħtieġ inżidu li is-Sur Mast Vitaliti gharaf isib *effetti ġodda*, specjalment fid-*Dŭett* u fl'*Ecu*. Nifirħulu: u chif, minn ftit gimghat il haŭn, chellna l'occażżjoni li natu gieħ u kima lil żeŭġ Surmastrijet Maltin, il Professur Carŭana u il Professur Pezzuto, hecc ucoll natuhom lilu, bħalma aħna lesti biex natuhom lil cull-min icunu jistħokkulu, ghax il *Gênju tal Mużica* hu dôn t'Alla li ma ghandux pajjiż u jaħtieġ icun imfaħħar cull fejn jinsab.

—Nhar il ħadd li ghadda, fid-9 ta fil ghodu, saret funzjoni ċchejcna, haŭn il Belt, fil Cnisja tal *Vitorja*, ta min isemmiha, l'actar imħabba id-*Discors* li ghamel bit-Taljan il Patri Lettur Ŭigi Attard *ta Gieżu*, ŭieħed mil gheref Sacerdoti Maltin. "Chiecu l'Imsieħbin ta cull Ghakda tal Cnisja—kal hu—jifhmu darba ghal dejjem li, f'daŭn iż-żmienijet, m'hux biż-żejjed li nghixu ta insara, li naghmlu id-devozzjoni taghna, li natu xi ħaġa tal carità, li 'nkerru u nitkarrbnu: imma jaħtieġ naħdmu, jaħtieġ niccumbattu l'eghdeŭŭa." U, fost il ħŭejjeġ li bihom nistghu u ghandna id-dmir nakbżu ghar-Religjon taghna, ghoġbu isemmi l'*Unjoni Cattolica San Giusepp*, li, bħalma tafu intom, tisŭa lill ħaddiema u lin-nies tas-snajja ghar-ruħ u ghall gisem. Tchellem ta veru gharef li hu, bla *rispetti umani*: u aħna irridu nifirħulu bil kalb. Din il funzjoni saret ghall *Pussess* tal Capijet il ġodda tal Arci-Confraternita ta *San Flippu Neri*, li huma daŭn: *Rettur*, is-Sur Ġużè Muscat Azzopardi,— *Prim-Assistent*, il Marchis Daniel Testaferrata Bonici—*Second-Assistent*, in-Neguzjant G. Sacco—*Segretarju*, in-Nutar Micallef De Caro—*Procuratur*, is-Sur P. P. Farrugia—*Assistent tieghu*, is-Sur G.B. Carbonaru—*Depositarju*, is-Sur G. Vassallo—*Procuratur tal Annŭalità*, is-Sur Flippu Carŭana—*Cunsulturi*, il Magistrat Frendu Azopardi, LL.D., il Monsinjur Canonicu Gaŭci, is-Sur Ŭiġ Bonnici u is-Sur G. Matrenza—*Reviżuri*, ir-Rev. Dun Salv Curmi Ceci u is-Sur L. Muscat—u *Infermieri*, ir-Rev. Dun Anton Bonnici u is-Sur Cicc Gatt.

—Ŭaħda minn daŭc il Medalji li ghamel il Papa Piju Ghaxra b'tifchira tal festa ta San Pietru-Paŭl (semmejnihom fl' *Aħbarijet ta barra* ta gimghtejn ilu) giet haŭn Malta: u Monsinjur Arci-Iskof ghoġbu jirregalaha lill Cavalier John Apap, ħabib ghażiż taghna u ħaddiem cbir fl' *Unjoni Cattolica*: nifirħulu ħafna.

—It-tiġrijet ta nhar il ħadd li ghadda marru tajjeb ferm: u fuk collox ma corra ħadd: chien hemm nies ŭisk, sar ħafna cummerċ fuk l'art u fuk il baħar, ghax it-tiġrijet taż-żŭiemel, Malta u cull-imchien, jaghmlu ghalihom is-sinjuri u il fkar, il ghôljin u il baxxi; u mar collox bil qŭiet. Il palijet ittieħdu hecc: Ponijet: l'eŭŭel, ta Carmen Mifsud, mil Belt (sinjal isfar)—it-tieni, ta Manŭel Vassall, mir-Rabat (sinjal abjad)—it-tielet, ta Beneditt Acsisa, mis-Siggieŭi (sinjal roża); — Mezzi-cavalli: l'eŭŭel, ta Ġanni Saliba, mil Marsa (sinjal abjad)—it-tieni, ta Carmnu Cassar, mil Belt (sinjal ichal)—it-tielet, ta Fredu Mompalaŭ, mil Marsa (sinjal aħmar);—u Żŭiemel: l'eŭŭel ta Nicol Grima, mir-rabat (sinjal abjad)—it-tieni, tas-Sur O. E. Cassar, mil Belt (sinjal isfar)—it-tielet, ta Manŭel Attard, minn ħal Tarxien (sinjal aħdar).

—Nhar il ħadd li ghadda, fil 10 u nofs ta fil ghodu, chif conna ħabbarna, il Professur Dun Carm Psaila ghamel il Cunferenza tieghu—*Viaġġ mill'art sa ħdejn ix-xemx*—fis-Sala tal *Unjoni Cattolica*, imżejjna bit-tifsir ta dan li kal fuk iċ-cinematografu. Nghidu chelma ŭaħda biss: daŭc collha li marru jisimghuħ (u ma chienux ftit) bla xejn dubju, ħarġu minn hemm aħjar milli daħlu, ghax il Professur Psaila ghenielhom moħħom b'ħafna ħŭejjeġ li ma chienux jafu. Fost il ħŭejjeġ l'oħra, il Professur Psaila ŭira lill ghomi li bid-*dijalett tal Mandraġġ* u bil *lingŭa ta ċcina* jista ŭieħed ifisser lill cbar u liż-żghar x'in hi id-dinja, x'in huma ix-xemx u il cŭiecheb, hemmx u ghaliex ma hemmx nies fil kamar, chif timxi u iddur

(*) *Conna ghedna taħt poeżija oħra li l'isem tal muntanja* CARMEL (MONTE-CARMELO) *gejj minn żeŭġ chelmiet lhudin*, KORM *u* EL, *jigifieri* ĠNIEN *u* ALLA: *u hecc il chelma* CARMEL *tigi tfisser* IL ĠNIEN T'ALLA.

l'art li aħna fukha, għax isiru l'*eclissi* u bosta għerf ieħor. Dàm siegħa u qûart jitchellem fuk daûc il ħûejjeġ tkal u tar-rekka għal cull-ħadd: u chiecu dàm daks ieħor, ħadd ma chien jixba, għax bil Malti tiegħu, ċar u ħafif, li jifhmu cull-ħadd, saħħar il cull-min chien jisimgħu. Fit-tifsir tal leûnijet, għaleb lilu in-nifsu: u aħna nistgħu ngħidu li katt ma smajniħom imfissrin aħjar minn hecc b'*ilsien ieħor*!

—Nhar it-tnejn fil għodu, kabel ma bida il *Marċ*, il ġuvintur ta ma dûar il *Bażilica tal Carmnu*, ûara li chien imbierec geûûa is-Santûarju, irregalaû lill Filarmonica *La Vallette* Stendard ġdid, bl'Armi tal Carmlitani u tal Papa pinġuti fuk il ħarir abjad (xogħol irkik tas-seû) mis-Sur Paûl Bonell, ragel ta ħila cbira, li aħna nirriccmandaû, bil cunxenza collha, lil cull-min jiġi biex jordna xogħlijet bħal daûn. Il ġuvintur li semmejna (devoti tal Madonna, li tant jaħdmu u iħabircu għal festa taħħa) taû lid-Direttur tal *Habib* l'onur li jippresenta għalihom li Stendard sabiħ taħħom lill President tal Filarmonica *La Vallette*: u, nizżu-ħajr ll'Alla, collox mar tajjeb.

—Issa, bla ma noffendu lil ħadd, nistgħu ngħidu li in-Nutar Pietru Bartoli P. L. għandu l'isbaħ Stabbiliment ta strada Rjali. Nefak bosta flus: imma żejjen il Belt bi Stabbiliment li jista jokgħod mal cbar ta Barra: u dic il cantuniera li chienet tagħmel għajb lill strada Rjali, saret il għaxka taħħa.

—Smajna li fit-28 ta dan ix-xahar għandha issir *Fiera cbira* għall għajnuna tal *Oratorju Sależjan* ta tas-Sliema. Kiegħed iħejji din il festa sabiħa Cumitat ta Dami u ta Sinjuri li għandhom kima u imħabba għal dac li Stitut, imûakkaf għall ġid tal Poplu. Icun hemm divertimenti mill'akûa: Cinematografu, Ûirja tal pitturi, Cant, Dakk u Reciti fil Butteghin, żeûġ baned (ta *San Patrizju* u tal *Artellerija Maltija*) u cull xorta logħob. Nittamaû li din il festa, magħmula biex tgħin l'*Oratorju Sależjan*, li Malta għandha obbligazzjoni cbira lejħ, għax kiegħed jagħmel ġid bla tarf lill'ulied il Poplu, tirnexxi ferm: u billi naħsbu li ma imorrux nies ftit għaliha, il ġimgħa id-dieħla nerġgħu nitchellmu fukha aħjar.

—Fuk il festa tal Carmnu nitchellmu il ġimgħa id-dieħla, għax naksilna il ûisa, li, fl'aħħar mument, chellna 'nħallu għal darb'oħra ir-*Rumanz* u l'articlu tas-Sur Vassallo.

—Kalulna li haûn carta tiġri fl'idejn, biex in-nies jissieħbu f'*gemgħa* jeû *bucchett* ta ġrajja maltin li sejjrin joħorġu bil faxxiculu cull ġimgħa; u li fosthom hemm imħabbar Censu Barbara. Aħna ma nafux min ħareġ dic il carta u inkas irnexxielna naraûha: imma, hu min hu, inûiddbuħ li fuk Censu Barbara hemm il *Proprietà letteraria* u ħadd ma jista jistampaħ *mingħajr is-sensja bil mictub* ta sidu.

—Lejliet *Tal-Carmnu*, ûara li spiċċa l'Innu imsemmi fil bidu ta dan l'articlu, id-Direttur tal *Habib*, a nom tal Ûisk Reverendu Patri Provincjal u tar-Reverendi Patrijet collha tal Cunvent tal Carmlitani tal Belt, li riedu jonurauħ ucoll b'din il Cumissjoni, ippresenta lis-Sur Mast Vitaliti rigal tad-deheb (arloġġ), bħala radd ta ħajr u ta kima għal dac il ġmiel ta Innu li għoġbu jictbilhom; u sieħeb ir-rigal b'erba' chelmiet, li kal ucoll lis-Sur Mast fl'isem tal imsemmija Patrijet.

—Nirriccmandaû is-Sur Urso, *Dentista* ta ħila cbira u ta 'mgieba l'actar ħelûa ma cull-ħadd, li għandu l'Uffizzju tiegħu haûn il-Belt, strada Stretta, numru 154, lil cull-min iħoss il bżonn li jakla jeû iseûûi xi snien. Is-Sur Urso hu tal fehma tajjba u sabiħa li jakla mita ma jistax iseûûi: u mal ħeffa tal għaġeb, mal indafa l'iżjed tar-rekka, mal attenzjoni cbira, għandu l'akûa għodda tas-sengħa. Mhux għalxejn l'Uffizzju tiegħu mimli dejjem bl'aħjar nies ta Malta.

## Chitbulna :—

"Bormla, 15. 7. 12

"Sur Direttur.

"Nitolboc tippermettili, jecc jogħġboc, ftit tal ûisa fil ġurnal imfaħħar tiegħec, "Il Habib," sabiex nirringrazia u infaħħar chif imissu lit-tabib Charles Manchè, għall'operazioni difficultusa li għamel miegħi nhar is-Sibt li għadda.

"Jena chelli għaineija coroħ ûisk, chienu imdeffsin ûahda gio l'oħra u chienu ituni fastidiu ûisk, li sfiguraûni għal collox, għaldakstant irricorreit għand il bravu tabib Charles Manchè, illi dan assistit mill professur papà tiegħu L. Manchè għamilli operazioni fiħom, u tant irnexxietli dina l'operazioni illi kisni, li katt ma chelli xein; fein kabel chelli tant għafsa cbira ta kalb, meta cont narani tant sfigurat, u issa bil ħila u il capacità ta dan l'imsemmi tabib ninsab cuntent ħafna u kaûûi sħiħ, għaldakstant nirraccomanda ferm lill daûc collha, li icollom xi ħaġa f'għainejom, li ma hemmx bżonn isiefru, izda imorru fl'Istitut tal Hamrun ta dan il bravu tabib, li hua capaci għall cull operazioni l'actar difficultusa.

"Għaldakstant, sur Direttur, nirringrazia mill prafond ta kalbi lill dan il capacissimu tabib u lill professur papà tiegħu, tal bravura hecc cbira li għamlu miegħi, u fl'aħħarnett nirringrazia ucoll lilec tal fastidiu li ħadt bija.

"Is-serv tiegħec
"Carmelo Camilleri."

## Ma dûar id-dinja.

F'Kiel (Germania) ġiè arrestat bħala spia tal Ingħilterra u ta Franza inġinier li ismu Erwald. Il Pulizia chienet ilha xhur għajnejha fuku u inkabad fil ûakt li chien sejjer jacqûista ctieb tas-sinjali tal marina.

—F'Berlin ġiè ucoll arrestat certu Alytxin, spia russu, li sabulu pian tal gûerra tal esercitu tedesc.

—Esplosioni oħra ġrat fil mini tal faħam f'Deneby (Ingħilterra)—chien hemm jaħdmu fiha fuk mitejn ruħ: l'esplosioni insteghmet bosta mili bogħod.—Fl'erbgħa, esplosionijet oħra raġgħu instemgħu.— Mietu fuk it-tmenin ruħ u fosthom jinsabu ma dûar il ħamsin, li chienu niżlu sabiex jeħelsu lil sħabhom. Aûl-il-lejl il Re chien niżel f'dina il mina biex iżurha. Ûara id-disgrazia ir-Re u ir-Regina raġgħu marru fil post u ir-Regina bchiet bil ħasra, mentri ir-Re niżel għal nofs mil taħt l'art, baka nofs siegħa hemm u talab bakkun u b'idejhom katgħu ħafna faħam. Il bandieri li chienu lesteû għaż-żiara reali, baxxeûhom nofs lasta.

—It-taljani ûara battalja l'actar chiefra għal cbira resistenza tat-Toroc, li ma bezgħux ankas mil bajunetti, irnexxielhom jeħdu Misurata. It-Taljani jgħidu li tilfu biss disa mejjtin u mija u ûieħed u għoxrin feruti, mentri igħidu li it-Toroc chellhom mijet ta mejtin. Nakraû li forsi il paci m'hix ûisk imbiegħda. It-Taljani ħadu ucoll posizioni oħra bejn Sidi Alì ûara sitt siegħat ta cumbattiment.

—Il *Persia*, vapur tal Peninsular, li ilcoll nafu għaliex spiss jiġi Malta, il ġimgħa li għaddiet mar fuk l'art fejn Suasset (Franza). Kiegħed jagħmel l'ilma: għaldakstant niżżlu il passeggieri u kiegħdin iħottulu il mercanzia. Il Gvern Franciż bagħat il frejgata "Jules Ferry", sabiex tatieħ il għajnuna, u nhar il ħadd fi għaxija irnexxielha takalgħu.

—Ma ilux conna għarrafna li fuk l'incrociatur Franciż "Jules Michelet" chien xcatta canun. Saret inchiesta u sabu illi id-disgrazia ġrat mhux il għaliex il porvli chien ħażin u l'ankas għaliex il canun chien incheûa; iżda actarx għaliex il canun ma giex maħsul u għaldakstant il fit gas li chien baka minn l'isparatura ta kabel tà innar kabel il ûakt lill balla li giet imdaħħla ûara.

—Donnu li is-Sultan tal Marocc Mulaj Hafid fi ħsiebu jabdica, u allura actarx jidħol minn f'locu ħuħ li jinsab f'Fez. Igħidu li Mulaj Hafid già kiegħed jibni Palazz f'Tangeri.

—Il Monarchisti, fidili tar-Re tal Portugall, xejn ma katgħu kalbhom mid-disfatta tal ġimgħa li għaddiet; iżda nakraû li għamlu id-dmir taħħom collu sabiex jidħlu fi bliet oħra. Nhar is-sibt dehru fejn Delas, belt imbiegħda xi għaxar mili mil Capitali u katgħu il fili tat-telegrafu. Bosta minnhom geû arrestati u kabdulhom ħafna sjûf u munizionijet. Il kiegħa kiegħda tisħon u nittamaû li fis collox jarġa jiġi chif chien.

L.M.C.G.

---

†

Is-Sur Mast GIUSEPPI VELLA, ll.d., li miet tas-Sliema, il ġimgħa l'oħra, ta 85 sena, chien l'ixjaħ ûieħed fost il Professuri tal Mużica u fost l'Avucati collha ta Malta. Dâm snin cbar *Mastru di Cappella* tal Catidral u chiteb tant mużica, li chellu f'dâru librerija sħiħa. Chien imsemmi sa barra minn Malta: u chien ragel ta sodizza u onestà li igiLulec kima. Mil bkija, ħalla ûerrieta tajjba, għax uliedu, bniet u subien, ħarġu Professuri tal Mużica collha chemm huma. Alla jati il Genna Lilu u is-sabar lilhom.

M.

Mietet ucoll haûn il-Belt, ta 81 sena, nhar il ġimgħa li għaddiet, is-Sinjura TERESA, omm il Magistrat G. B. Mifsud ll.d. u ħtint is-Sur Mast Anton Nani. Chienet mara mill'aħjar. Itolbu għall mistrieħ ta ruħha.

M.

---

MOGĦDIJA TAŻ-ŻMIEN

## Taħbit il moħħ.

I.

N T E PRO A A

G. Attard.

2.

J J ĠLIEDA AA

G. Muscat.

L'aħħar TAHBIT IL MOHH chien:

*Gebla imdendla.*

Giebuħ: mil Belt, is-Sinjurina T. Mizzi; mil Furiana, is-Sinjura Benedetta Carûana; mill'Imsida, is-Sur Ġużè Attard.